# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.8826 — Elia System Operator/Eurogrid International)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2018/C 110/06)

1. Fil-15 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Elia System Operator N.V. / S.A. ("Elia", IL-BELĠJU),

— Eurogrid International CVBA ("Eurogrid", IL-BELĠJU).

Elia takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' Eurogrid kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni tkun ġiet imwettqa permezz ta' tibdil fl-istruttura tal-ishma tal-azzjonisti minoritarji.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Elia: kumpanija li hija s-sid, li tħaddem, iżżommu u tiżviluppa grilja ta' vultaġġ għoli u iktar għoli tal-Belġju.

— Eurogrid: kumpanija ta' investiment f'kumpaniji relatati mal-utilità elettrika u li tipprovdi servizzi ta' appoġġ lill-klijenti tagħha. Eurogrid hija s-sid ta' 100 % ta' 50 Hertz Transmission GmbH, waħda mill-erba' TSOs fil-Ġermanja. Eurogrid innifisha bħalissa hija kkontrollata b'mod konġunt minn Elia u IFM Investors Pty Ltd ("IFM"), huma proprjetarji rispettivament ta' 60 % u 40 % tal-ishma. IFM se tnaqqas l-ishma tagħha f'Eurogrid għal 20 %.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8826 — Elia System Operator/Eurogrid International

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.